

Brussell, 22 ta' Mejju 2026
(OR. en)

9509/26

Fajls Interistituzzjonali:
2025/0543 (COD)
2025/0544 (CNS)

RECH 233
COMPET 592
IND 348
MI 504
EDUC 171
TELECOM 247
ENER 261
ENV 533
CLIMA 273
AGRI 398
TRANS 326
SAN 323
BIOTECH 59
CADREFIN 230
CODEC 961

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	<i>Tnejnija għall-Kunsill (Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju)) tat-28 u d-29 ta' Mejju 2026</i> Pakkett Orizzont Ewropa: Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni 2028-2034 a) Il-Programm Qafas u r-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni b) Il-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa <i>- Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużanota ta' gwida mill-Presidenza bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-Pakkett Orizzont Ewropa fil-Kunsill Kompetittività tas-27 ta' Mejju 2026.

**PAKKETT ORIZZONT EWROPA: PROGRAMM QAFAS GĦAR-RIĊERKA U L-
INNOVAZZJONI 2028-2034**

DIBATTITU TA' ORJENTAZZJONI

Mill-aħħar pubblikazzjoni tas-16 ta' Lulju 2025 tal-proposti tal-Kummissjoni għall-Programm Qafas Orizzont Ewropa 2028-2034 u għall-Programm Speċifiku li jimplementa Orizzont Ewropa, il-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu wettqu ħidma estensiva fuq il-pakkett. Taħt il-Presidenza Daniża u dik Ċiprijotta, il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka eżamina diversi testi ta' kompromess tal-Presidenza li jkopru ż-żewġ proposti leġiżlattivi. B'mod parallel, il-Kunsill Kompetittività kellu dibattiti ta' orjentazzjoni ddedikati fil-laqgħat tiegħu tat-30 ta' Settembru 2025, id-9 ta' Diċembru 2025 u s-27 ta' Frar 2026 dwar oqsma tematiċi speċifiċi.

B'riżultat ta' din il-ħidma intensiva, twettaq progress sostanzjali u partijiet kbar tal-pakkett issa huma kkunsidrati stabbli. Ħarġet konverġenza wiesgħa dwar l-istruttura tal-programm, l-objettivi tiegħu, l-arkitettura u l-kontenut tal-erba' pilastru u dwar il-maġġoranza tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-parteċipazzjoni u l-implimentazzjoni.

Minkejja l-progress li sar, għad hemm kwistjonijiet kritiċi dwar għadd limitat ta' elementi politikament sensitivi, b'mod partikolari:

- l-istabbiliment ta' prijoritajiet strateġiċi, inkluż l-allinjament bejn Orizzont Ewropa u l-Fond Ewropew għall-Kompetittività;
- Sħubijiet Ewropej;
- twessigħ;
- attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni minn isfel għal fuq.

F'dan l-isfond, il-Presidenza tixtieq torganizza dibattitu ta' orjentazzjoni matul il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill COMPET (Riċerka) fid-29 ta' Mejju li ġej biex tiġbor gwida politika siewja għall-kontinwazzjoni tan-negozjati u tgħin biex jiġu identifikati żoni possibbli għal qbil lejn tmiem il-mandat tal-Presidenza Ċiprijotta.

Liema gwida politika tipprovi inti għall-kontinwazzjoni tan-negozjati u liema elementi tal-erba' kwistjonijiet imsemmija hawn fuq tqis li huma l-aktar kritiċi biex jintlaħaq qbil dwar il-pakkett Orizzont Ewropa, sa tmiem is-semesteru?
